31986R0344

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 344/86

tas-17 ta' Frar 1986

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 626/85 u (KEE) No 2077/85 dwar l-assigurazzjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 516/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti proċessati minn frott u ħxejjex [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(8) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 525/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 li jwaqqaf sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' ananas fil-bottijiet [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1699/85 [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni ta' sistema ta' assigurazzjonijiet għal prodotti agrikoli [5], jistabilixxi fit-Titolu III liema forma ta' assigurazzjonijiet jistgħu jingħataw; billi l-Artikolu 19(1) ta' l-istess Regolament jistabbilixxi meta assigurazzjonijiet magħmula dwar ħlasijiet bil-quddiem għandhom jiġu rilaxxati;

Billi bħala konsegwenza, id-dispożizzjonijiet korrispondenti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 626/85 tat-12 ta' Marzu 1985 fuq ix-xiri, bejgħ u ħżin ta' għeneb u tin niexef minn aġenziji tal-ħżin [6] u (KEE) Nru 2077/85 tal-25 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-għajnuna fuq il-produzzjoni ta' ananas fil-bottijiet [7] għandhom jitħassru;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għal Prodotti Pproċessati mill-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 626/85 u Artikoli (4) u 5 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2077/85 huma hawnhekk imħassra.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1986.

Madankollu, l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2077/85 jibqa' applikabbli għal assigurazzjonijiet magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1986.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Vici-President

[1] ĠU L 73, tal-21.3.1977, p. 1.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 73, tal-21.3.1977, p. 46.
[4] ĠU L 163, tat-22.6.1985, p. 12.
[5] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
[6] ĠU L 72, tat-13.3.1985, p. 7.
[7] ĠU L 196, tas-26.7.1985, p. 28.